**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Scerri)**

**-vs-**

**Marius Muscat, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0665858(M)**

*Kumpilazzjoni Numru: 629/2020*

Illum, 25 ta' Lulju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Marius Muscat u ċioe talli:[1]

F'April 2015 u/jew fix-xhur ta' qabel, fil-kapaċità tiegħu bħala direttur tal-kumpanija 'Waste Collection Ltd (C58428) u/jew fil-kapaċità tiegħu personali:

1. Bil-ħsieb li jagħmel delitt u ċioe' delitt ta'frodi, li jammonta għal aktar minn €5,000, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u taha bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu, billi għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffirmati, inkella billi żid jew biddel klawżoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

[1] Fol.13

2. Kif ukoll talli xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza; (Art 184 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

3. Talli sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta'Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta'ħtija tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja w li l-imputat m'għandu l-ebda oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.[2]

Semgħet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esibita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Preliminari</u>

1. Ġaladarba l-imputat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jagħmel riferenza għat-talba ta' rikuża li saret fil-konfront tal-Maġistrat sedenti fi proċess ieħor *il-Pulizija vs Adrian Muscat*, il-Qorti tqis li wasal il-mument opportun fejn tista' tesprimi l-ħsibijiet tagħha liberament dwar il-għan tagħha meta fakkret lill-imputat li ammissjoni tista' reġistrata fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, wara kollox kif jipprovdi l-artikolu 392B tal-Kodiċi Kriminali.

Kif tikkonċedi l-abbli difiża fin-nota minn tagħha[3], dan seħħ hekk kif xehed Joseph Mallia fit-22 ta' Frar, 2021, fejn jikkorrobora dak li Borg dejjem saħqet mal-investigatur (u ċioe li d-dokument in kwistjoni kien ġie falsifikat għaliex hi qatt ma ħarġitu).
Dak li dakinhar donnu nesa l-imputat hu li propju fl-ewwel seduta, dik tal-20 ta' Jannar, 2021, għamel dikjarazzjoni li tolqot propju l-mertu ta' dawn il-

[2] Fol.16
[3] Fol.362. L-imputat jiddikjara li l-qorti kellha "*reazzjoni istintiva għar-riżultanzi tal-imsemmi rapport*".

proċeduri meta tenna *"li d-dokument **X** kien ingħata lil Adrian Muscat f'għaxar kopji"*.[4]

Hemm sinifikat ukoll fil-fatt li t-talba għar-rikuża seħħet fit-8 ta' Novembru, 2021 xejn anqas minn 9 xhur wara s-seduta li fiha kien xehed Mallia. Konsiderazzjonijiet fuq dan il-punt huma superfluwi, iżda ikun ferm għaqli li qabel ma jkun hemm lok li jitnisslu dubbji nfondati, wieħed iqis sew jekk għandux jirrinunzja għad-dritt tas-silenzju!

Ikkunsidrat,

L-imputat hu adebitat b'tentattiv ta' frodi li sar permezz ta' falsifikazzjoni ta' dokument, **Dok.X**[5], l-użu ta' dak id-dokument kif ukoll li hu reċidiv. L-imputat jiċħad li kien jaf x'kien qed iseħħ fil-kumpanija tiegħu stess. **Dok.X**[6] ġie sottomess mis-soċjetà Waste Collection Limited, bħala parti minn *tender documentation* lil Kunsill Lokali t'Attard wara sejħa għall-offerti għal servizz ta' ġbir tal-iskart. L-imputat kien id-direttur u s-segretarju tal-imsemmija kumpanija fiż-żmien tal-imputazzjonijiet lilu adebitati. Fl-ewwel stqarrija tiegħu, l-imputat jammetti li kien l direttur tas-soċjetà għal madwar sitt xhur minn meta twaqqfet, lejn l-aħħar tal-2013 jew bidu tal-2014.[7] Kien biss fit-30 ta' Ġunju 2015 li l-imputat irriżenja minn dawn il-karigi, liema rwoli ttieħdu minn ibnu.[8]

It-*Tender*: **Dok.MM**[9]

Il-Qorti kellha l-opportunita` tifli d-dokumenti ppreżentati mis-Sinjura Mifsud. Fit-***Tender*** **Document**[10] ppublikat mill-Kunsill Lokali ta' H'Attard, jirrizulta li *prospective bidders* kienu mistennija li jkollhom ta' lanqas 5 snin esperjenza kif ukoll jipprovdu dokumentazzjoni li tissostanzja dan sabiex ikunu jistgħu jissostanzjaw dan il-kriterju. Infatti, l-Artiklu 2.3 – *Administrative Criteria*, tat-*tender document* jaqra hekk:

> *Prospective bidders preferably are expected to have at least 5 years relevant experience. Every bidder is obliged to provide sufficient documentation to sustain the experience claimed and must provide a minimum of one reference letter[11].*

[4] Fol.14
[5] Fol.135A
[6] Fol.135A
[7] Fol.28, **Dok.AS1**
[8] Vide xiehda Dr. Claudette Fenech, a fol. 309. Form K, **Dok.CF** a fol.313
[9] Vol.II a fol.36 et seq. Dan il-*ringfile* jikkontkjeni it-tenders li gew r*ejected* mill-Kunsill ta' H'Attard.
[10] Fol.66 et seq.
[11] Emfasi tal-Qorti, fol 19

Il-Qorti setgħet ukoll tinnota diversi *reference letters* li ġew sottomessi minn Waste Collection Limited bħala parti mis-sottomissjoni tagħhom għal dan it-*tender*, fosthom **Dok.X**[12], l-ittra datata s-26 ta' Marzu 2015, suppost maħruġa fuq *'letterhead'* tal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija w iffirmata minn Georgette Borg fejn tgħid is-segwenti:

> ***"Subject: Waste Collection Limited***
>
> *The Lija Local Council confirms that the company in subject has performed works and services to out utmost satisfaction and without any Default Notices.*
>
> *The company Waste Collection Limited is also considered as a reliable, timely, well managed, very cooperative, well equipped, knowledgeable, clean and resourceful contractor.*[13]*"*

Jirrizulta ukoll mid-dokumenti esibiti, li Waste Collection Limited kienet ppreżentat ukoll *reference letters* mill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta datata 16 ta' Marzu 2015[14], mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi datata 25 ta' Marzu 2015[15], mill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Tarxien datata 8 ta' Awwissu 2014[16], mill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan datata 23 ta' Marzu 2015[17] u mill-Kunsill lokali tal-Mtarfa datata 5 ta' Marzu 2015[18].

<u>Xiehda</u>

**Jonathan Ferris**[19] l-ispettur investigattiv fl-2015, iddeskriva kif wara kwerela li rċieva mill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija, ħa l-verżjoni ta' Georgette Borg kif ukoll dik ta' Marica Mifsud. L-imputat kien rrilaxxa stqarrija fejn qal li huwa kien <u>direttur tal-kumpanija</u> għal 6 xhur imbagħad ittrasferixxa l-kumpanija għal fuq it-tifel Adrian Muscat, li wkoll rrilaxxa stqarrija fl-istess jum. Adrian Muscat kien iddikjara li kien ssottometta offerta għal *tender* ppublikat mill-Kunsill Lokali ta' H'Attard, liema *tender* ma rebħux minkejja li l-offerta tiegħu kienet orħos, tant li wasal biex jallega li kien hemm *foul play* fil-proċess.[20] Ferris ikkonferma l-istqarrija tal-imputat meħuda minnu.[21]Interessanti hi s-segwenti

[12] Fol.135A
[13] Ibid
[14] Fol.135
[15] Fol.137
[16] Fol.138
[17] Fol.139
[18] Fol.140
[19] Fol.316
[20] Fol.318-319
[21] Fol.319. Vide **Dok. AS1** a fol.26-28.

dikjarazzjoni magħmulha minn iben l-imputat u ċioe li **Dok.X**,[22] kien inġabar minnu propju mingħand Georgette Borg![23]

Hu hawn fejn tiġi skontrata kontradizzjoni lampanti bejn dak li stqarr Adrian Agius mal-Ispettur Ferris fejn jitkellem dwar l-ittra fis-**singular** *"Adrian Muscat pointed out that this letter was given to him in person by Georgette Borg when same went to collect a payment due to him."*, mal-verbal magħmul mid-difiża anke f'dawn l-atti fl-20 ta' Jannar, 2021 meta ġie verbalizzat li d-dokument in kwistjoni, **Dok.X,** *"kien ingħata lil Adrian Muscat f'**għaxar** kopji"*.[24] Ġaladarba din id-dikjarazzjoni mill-abbli difiża saret f'dawn l-atti wkoll, ma jistax ma jitteħidx kont ta' dak li sar jaf l-ispettur Ferris fl-investigazzjoni minn tiegħu.

Il-fatt li **Borg tiċħad li qatt intalbet jew iffirmat dak id-dokument** ikompli jikkontradixxi dak verbalizzat f'dawn l-atti mill-imputat.

L-**Ispettur Anthony Scerri** spjega lill-Qorti kif l-investigazzjoni dwar dan il-każ għaddiet għandu f' Ottubru 2020, aktar minn ħames snin wara iż-żmien li fih seħħew ir-reati adebitati lill-imputat.[25] Dan il-każ jaf il-bidu tiegħu għal kwerela[26] mill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija fejn ġie allegat li fuq dokument preżentat fl-2015 mill-kumpanija Waste Collection Ltd, *bidder* f'*tender* maħruġ mill-Kunsill Lokali ta' Ħat-Attard, *"ġiet riprodotta il-firma ta' Georgette Borg, Karta tal-identita' 91057M."*[27] Dan il-fatt sar magħruf b'kumbinazzjoni waqt konversazzjoni nformali li seħħet bejn is-segretarji eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali ta' Ħal-Lija, Georgette Borg u dik ta' Attard, Marica Mifsud. Minn dak li irriżulta fl-investigazzjoni, Mifsud kienet staqsiet lil Borg għaliex ħarġet *reference letter* lil Waste Collection Ltd. meta kienet tilmenta mis-servizz mogħti minnhom.[28]

Stqarrijiet tal-Imputat

B'hekk ittieħdu żewġ stqarrijiet tal-imputat, waħda fl-2016 mill-Ispettur Ferris[29] u oħra mill-ispettur Scerri fit-18 ta' Novembru, 2020.[30] L-imputat kien direttur ta' Waste Collection Limited iżda meta ġie mitkellem, saħaq li ma kellux sehem attiv fit-tmexxija tagħha għaliex ibnu, Adrian Muscat, kien jieħu ħsieb l-operat tagħha.

[22] Fol.135A
[23] Fol.319
[24] Fol.12
[25] Fol.18
[26] **Dok.AS** a fol.24-25
[27] Fol.18
[28] Fol.19
[29] **Dok.AS1** a fol.26-28
[30] Stqarrija *Audio visual*, **Dok.AS2** a fol.29 traskritta **Dok.KV** a fol.253 et seq

Fl-ewwel stqarrija minn tiegħu, l-imputat stqarr li wara li nfetħet il-kumpanija Waste Collection Limited, għamel xi 6 xhur bħala direttur tagħha. Din il-kumpanija tagħmel ġbir ta' skart u knis fit-toroq. L-imputat jispjega ukoll li huwa qatt ma ħadem jew taha xi servizzi lill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija jew lil ta' H'Attard minħabba l-fatt li huwa kien direttur tal-kumpanija għal perjodu qasir: *"Jiena kont involut f'din il-kumpanija biss fil-bidu waqt il-formazzjoni tagħha, għaliex minn hemm il-quddiem ha kollox f'idejn Adrian"*. [31] Dan jikkonfermah fit-tieni stqarrija meħuda f' Novembru 2020[32] meta jiddikjara li Waste Collection Limited kienet inizjalment ġiet miftuħa fuqu sakemm eventwalment ġie sostitwit bħala direttur minn ibnu Adrian Muscat.[33] Muscat ikompli jistqarr li anke fiż-żmien li għamel bħala direttur, kien ibnu li kien jieħu ħsieb it-tmexxija w l-operat tal-kumpanija. Kien għalhekk li qatt ma ħadem mal-Kunsill Lokali t' Attard u lanqas kien jaf lil Borg, is-segretarja eżekuttiva f'dak il-kunsill.[34]

**Marica Mifsud,** li lura fl-2015 kienet tokkupa l-kariga ta' Segretarja Eżekuttiva fil-Kunsill Lokali ta' H'Attard, spjegat li dan il-każ jaf l-oriġini tiegħu għall-konversazzjoni każwali li kellha ma Georgette Borg, is-Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija, meta kienu qegħdin jagħmlu eżami flimkien. Tispjega:

> *"dakinhar kont qieghda l officju tagħha u waqt li kont hemm hekk konna qieghdin nippreparaw, nghaddu naqra revizzjoni biex naghmlu dan l eżami, hemm kien hemm li skrivana fl istess kamra, u qieghdin jitkellmu fuq il gbir tal iskart [recte] waqt li kont hemm hekk prezenti jiena u awtomatikament qisni staqsejta 'min ghandkom kuntrattur intom?' u is sinjura borg irrisponditni Waste Collection Limited [recte] u ghedtilha 'hawn dik ghamiltli rekomandazzjoni fuqhom' u hi* ***harset lejha u qaltli 'x rakomadazzjoni' u qaltli 'jien ma ghamilt l ebda rekomandazzjoni'****[recte] ..... mort lura l officju wara li lestejt l eżami u talbitni kopja tal karta li kienet fit- tender document tieghi u dan it tender kien għal erbgha snin valur ta 3 mija hamsa u tlettin elf, tnejn u sitta u disghin* [€335,296][35] *u jiena baghtilha il karta, dak kien prattikament l involviment tieghi.... kull ma tlabta jiena imbghad [recte] imma ovjament ridt inkun naf xi proceduri ha jittiehdu minhabba dan it tender biex just ninforma l evalwaturi."*[36]

Mifsud ippreżentat *animo ritirandi ring-file* li jikkontjeni id-dokumentazzjoni kollha li kienet ġiet preżentata lill-Kunsill Lokali fit-*tender* proċess, **Dok.MM**[37] u ċioe Vol.II ta' dan il-proċess.[38] Dan il-file jikkontjeni dokumenti relatati ma

[31] Fol.28
[32] **Dok.AS2** a fol.29. Traskrizzjoni **Dok.KV** a fol.253 et seq
[33] Fol.254-256
[34] Fol.256
[35] Fol.85-86
[36] Fol.30-31
[37] Fol.36
[38] Vol.II tal-atti. *Rejection letters for Tenders awarded in the Year 2015.* Fol.36 et seq

*tender*s oħra li nħarġu mill-Kunsill iżda li ġew *rejected* fl-istess żmien tat-*tender* in kwistjoni.

Dwar l-offerta mitfugħa mis-soċjetà tal-imputat tgħid: *"Kienu fit tlett envelopes hekk ara kienu pack 1, pack 2, package 3".*[39] It-*tender* kienet tirrikjedi *"N.B. The Attard Local Council is adopting the 'Three Package' procedure"*[40], filwaqt li x'għandu jkun fih kull *package* hu delinajat fl-istess *tender* taht ***Annex 14***[41].

Il-Qorti rat fliet b'reqqa **Dok.MM**[42] u sabet li d-dokument mertu ta' dawn l-akkużi, **Dok.X**[43] jifforma parti minn *Package 03* intestat *Bid for Tender* – propju kif rikjest skond Annex 14 tat-*tender requirements.* Dan id-dokument, datat is-26 ta' Marzu 2015, jinsab f'dak il-*package* skond kif stipulat bit-*tender requirements "Financial proposals are to be submitted ONLY in package three".*[44]

Dawn ir-rekwiżiti rigorużi, li kellhom jiġu addottati mill-*bidders,* kif ukoll tenut kont ta' kif sar il-proċess tat-*tendering* kif spjegat mix-xhud Marica Mifsud, jimmillita kontra t-teżi tal-imputat tant li jirrendi impossibbli li xi ħadd setgħa jinfilza d-dokument fabbrikat, **Dok.X,** fil-*package* appożitu, bl-iskop biex jagħmel ħsara lill-imputat u dan jispiċċa jitlef it-*tender*!

Fil-fatt mhux talli din l-allegazzjoni tibqa **mhux pruvata** b'xi evidenza mqar sal-grad tal-possibbli, iżda meta jiġu studjati w eżaminati it-tlett *packages* li ġew preżentati mill-kumpanija li taghha kien direttur, jirrizulta propju **l-kuntrarju.** Dan peress li kull wieħed mill-*packages* kienu *bound* bi *spiral/coil binding.* Iktar minn hekk, meta jiġi eżaminat **Dok.MM** li jikkontjeni it-tlett *packages* li ssottometta l-imputat, jidher b'mod ċar u mingħajr lok għal xi dubbju li dawn it-tlett *packages* għandhom il-*perforations* fl-*spinal edge* – fejn jiddaħħal il-*coil spiralling* - jaqblu perfettament fuq kull karta parti mill-*package* relattiv. **Dok.X.** mhux eċċezzjoni w għandu il-*perforations* tal-*spinal column* tiegħu jaqblu mal-kumplament tal-perforations tal-*Package 3.*

Magħdud ma dan kollu meta wieħed iqis li, kif tixhed Mifsud, kull offerta kienet intefgħet fil-kaxxa tal-offerti fil-Kunsill Lokali w inżammet hemm sa meta wasal il-ftuħ tal-offerti fil-**pubbliku**, tali allegazzjoni tisfuma fix-xejn.

Ix-xhud tiddeskrivi xi jseħħ wara li toħroġ *tender* u kif jintefgħu l-offerti, u dan ikompli juri kemm it-teżi ventilata mill-imputat hi nieqsa minn kwalunke rabta

[39] Fol.30-32
[40] Fol.69
[41] Fol.94
[42] Fol.36 et seq
[43] Fol.135A
[44] Fol.69

mar-realtà: *"ikun hemm kaxxa fil kunsill lokali immarkata tender box, dawn jitfaw it tenders go fiha, dakinhar li jkun ha jsir, li ghalqu it tenders, jien nohroghom minnha nhallihom maghluqin u imbaghad meta nkun ha niltaqa mal evalwaturi jifthuhom l evalwaturi, jinfethu f gurnata u hin li jkun stabbilit… stabbilit fit tender stess."*[45]. In kontro-eżami, ix-xhud tikkonferma li t-*tender* kien għal ġbir ta' skart domestiku,[46] fejn il-*bidder* kellu jippreżenta *recommendation* waħda[47] iżda l-imputat ippreżenta *recommendations* mill-Kunsilli Lokali tas-Siġġiewi, San Ġiljan, Mtarfa, Belt Valletta, Qormi, Tarxien u Lija. Ġie skwalifikat propju minħabba l-ittra ta' rakkomandazzjoni mill Kunsill ta' Ħal-Lija. Tiddeskrivi kif kien biss b'kumbinazzjoni li sar magħruf li l-ittra, li tidher li nħarġet mill-Kunsill ta' Ħal-Lija, fil-fatt ma kienitx inħarġet u/jew ġiet iffirmata mis-segretarja eżekuttiva ta' dak il-kunsill, Georgette Borg:

> *"Kont qiegħda nagħmel eżami mas- Sinjura Borg .... ... konna qed nitkellmu u qed tgħidli li għandha problemi fuq l-iskart ta' Ħal Lija. Issa, is-Sinjuri kellhom ukoll tender ieħor hemmhekk tal-street sweeping, imma mhux fuq dak, fuq tal- iskart. U l-biċċa tax-xogħol waqfet hemmhekk. Jien mort l-uffiċċju tiegħi u għidt, "ara, ħa nibda niftaħ it-tenders ħa nara x'fihom u ma fihomx." Qbadt id-dokumenti kollha u wasalt għal-letter of references, u bdejt nara, kif għidt inti, ta' Ħal Tarxien, ta' Ħal Qormi, ta' San Ġiljan, u wasalt għal din ta' Ħal Lija. U għidt, staqsejt lili nnifsi, "din ta' Ħal Lija kif għamlitilhom recommendation u fil-ġranet ta' qabel tgorr li mhux qed jagħmlu xogħol sewwa. U ċempiltilha u staqsejtha,* ***qaltli, "Jien m'għamilt l-ebda recommendation fuq dan tal-iscammel****, tad-domestiku." Qaltli, "Tista' tiktibli?"*[48]

Il-fatt li kienet hi li fetħet l-offerti li kienu ġew mixħuta fil-kaxxa tat-*tenders*, jagħti prova tal-fatt li ħadd aktar ma kellu aċċess għal dawn id-dokumenti**.**

Hu propju hawn fejn it-teżi difensjonali tal-imputat tfalli; kien biss sforz ta' inċident fortwit li permezz tiegħu sar magħruf li **Dok.X**[49] kien ġie fabbrikat. Ħadd ma seta' jipprevedi kif kellhom iseħħu l-affarijiet.

Iżda l-**akbar prova** li xxejjen għal kollox tali it-teżi difensjonali hi l-*covering letter*/indiċi iffirmata mill-imputat Marius Muscat għal Waste Collection Ltd., li tagħmel riferenza għal ***"Evidence attached: Local Council references and copy of contracts"***[50] fejn waħda minn dawn il-Local Council *references* tinkludi propju **Dok.X**!!

---

[45] Fol.33
[46] Fol.339
[47] Fol.340. Vide Art.2.3 Administrative Criteria fol.69 ta' **Dok.MM**, Vol.II: *"Prospective bidders preferably are expected to have at least 5 years relevant experience. Every bidder is obliged to provide sufficient documentation to sustain the experience claimed and must provide a minimum of one reference letter".*
[48] Fol.343
[49] Fol.135A
[50] Vide **Dok.MM** a fol. 134

Mifsud tkompli li d-dokumentazzjoni li tiġi sottomessa mill-*bidder*s, tinfetaħ fil-pubbliku, iżda *"imbaghad wara li nara kollox, il-Kunsill jahtar il-bord, il-kunsill jahtar il-bord. Issa jiena rajt dan kollu, bilfors irrid narah"*[51]. Infurmat lis-Sindku dwar dak li kien hemm fit-*tender* u l-bord ma kompliex bl-evalwazzjoni. Tispjega *"dan it-tender fuq parir ta' ċertu wieħed Alfred Triganza ta' Atriga Consult, dan kien fuq il-bord tad- Dipartiment tal-Kuntratti, id-dokumentazzjoni ngħatat kollha lilu, sewwa, u hu ġie lura li ġaladarba dan id-dokument ma kienx konformi u kif suppost, ipoġġi dubbju fuq il-bidder. Hemmhekk waqafna aħna. Hemm waqafna. Ma kompliex ġie evalwat."*. Sussegwentement il-Bord skwalifika lill-kumpanija tal-imputat fuq parir ta' Dr. Alfred Triganza.[52] It-*tender* intrebaħ mill-unika *bidder* ieħor li tefa' l-offerta.[53]

Meta l-abbli difiża tistaqsi lix-xhud dwar kif kien ġara li ġie l-kliem bejn iż-żewġ segretarji eżekuttivi fejn, f'okkażjonijiet u b'mod xejn diskrett, tagħti x'tifhem li Borg xprunat dan l-inċident billi tefgħet dawl fuq din l-ittra partikolari - Mifsud twieġeb mingħajr diffikultà iżda indubbjament offiża b'dak suġġerit tirribatti:

> *"ma qabditlix l-argument fuq dak biss ta!; konna qed nitkellmu fuq il-knis, konna qed nitkellmu fuq l-iskart il-ġbir ta' skart, fuq il-watering tal-plants, fuq il-ġonna, jiġifieri dan konna qed nitkellmu fuq affarijiet tal-kunsill tagħha u tal-kunsill tiegħi u kif aħna għaddejjin u qamet dan l-issue; ma nara xejn ħażin fiha imbilli nitkellmu!.... Konna qed nitkellmu fuq kollox."*[54]

Iktar skonċertanti minn hekk hu l-fatt li l-imputat jasal jimplika lil istess Mifsud fl-allegat *frame-up* biex jitlef it-*tender*. Ovvjament anke hawn <u>ma tinġieb lanqas ombra ta' prova</u> biex tiġi sostanzjata din it-teżi difensjonali. Il-provi anzi juru <u>kontinwita` tal-evidenza</u> għaliex wara li ntefgħet l-offerta fil-kaxxa tat-*tenders* miżmuma il-kunsill lokali[55], kienet l-istess xhud li fetħet il-*bids* għat-*tender*s kollha li nħarġu mill-Kunsill ta' Ħ'Attard, inkluż dik għall-ġbir ta' skart domestiku, it-*tender* in kwistjoni. Dan kien ix-xogħol mistenni minnha biex fil-pass suċċessiv sabiex il-kunsill ikun jista' jibda l-proċess ta' evalwazzjoni. **Ma irriżulta li kien hemm ħadd aktar ma kellu aċċess għal dawn id-dokumenti.** <u>**Dok.X**[56]: Dokument Falz</u>

A. Il-Firma ta' Georgette Borg

Iċ-ċaħda immedjata w inekwivoka da parti ta Georgette Borg li ma ffirmatx jew ħarġet **Dok.X**, <u>issib korroborazzjoni fir-riżultanzi tal-espert **Joseph Mallia**</u>, li

[51] Fol.345
[52] Fol.346
[53] Fol.347
[54] Fol.348
[55] Fol.33
[56] Fol.135A.

nħatar sabiex jiddetermina l-awtentiċita` o meno tad-dokument kontestat, **Dok.X:**[57] *"**l-firma li taqra "Georgette Borg"** li tinsab miktuba fil-parti t'isfel xellug tad-dokument X, **hija kopja u ma hiex firma originali**."*.[58]

Meta jixhed *viva voce* ikkonferma li l-firma fuq ir-*reference letter* taqbel mal-kalligrafija ta' Georgette Borg kif ukoll mal-firma tagħha. Wara li għamel eżami komparattiv bejn il-firma fuq **Dok.X** u dik ta' Georgette Borg *"irrizulta li din hija **firma kopja** il-għaliex irrizultaw hafna pixels....il-firma ghandha l-punti karatteristici kollha li hija ta' Georgette Borg, pero **ma hijiex il-firma b'linka originali. Hija firma scanned jew inkella trasferita fuq dak id-dokument,** ma hijiex b'linka linka, hija kopja il-għaliex meta giet skenjata, meta giet blowjata hargu dawk il-pixels li jien hemmhekk esebejt komparati wkoll ma' dik il-linka, l-istess linka blue li hija d-dokument X fejn qed nuri isma hekk jigri meta jkun originali u **hekk jigri meta tkun firma li hija mhux originali".*** [59]

Meta mistoqsi rigward il-possibbiltà li d-dokument in kwistjoni setgħax ġie *scanned* jew *photocopied* fl-intir tiegħu, Mallia jispjega li l-fatt li ħarġu *pixels* differenti jfisser li **l-firma u l-arma biss kienu ġew *superimposed* jew *scanned:***

> *Difiza: Tista' tikkonkludi b'mod konklussiv li jekk bniedem jaghtik kopja u int pprezentajt photocopy jista' jkun li kien dak il-każ?*
>
> *Joseph Mallia: Jien qed nghid li dik il-firma giet minn photocopy jew haga ohra u **dik il-firma ma hijiex originali** għall-kwantu ta' dak id-dokument imbaghad għandu badge fuq, **għandu l-badge tal-kunsill, meta dik giet imdawwra bid-dawl ukoll, ukoll dehret li ma hijiex first time printing jiġifieri hija bhal firma**. ….* [il-firma] *hija ta' Georgette Borg …. dik ta' Georgette Borg, issa fejn kienet iffirmata ma nafx* **[60]....**
>
> *Difiza: Għalhekk issegwi d-domanda li kont qed nipprova naghmillek jiena fis-sens, li jekk inti ttiehed photocopy jew sar scan ta' dokument li fih pixels suwed u fih pixels tal-kulur, tista' teskludi il-konkluzzjoni li dak ma ttiehedx, kien dokument originali u ttiehed photocopy tiegħu u li qed tezamina huwa l-photocopy ta' xi haga originali, qed teskludiha? Iva jew le?*
>
> *Joseph Mallia: Le le jiena ma nistax neskludi dak il-fatt. Jien li nista' nghid hu, jien li harguli, li nista' nghid hu li harguli pixels li lili qed jghiduli li **dak ma huwiex originali, dik il-firma ma hijiex originali**, hekk qed nghid*
>
> ***Qorti:*** *Dottore il-Qorti fehmet bizzejjed. Mhux qed teskludi pero' inti minn dan id-dokumentazzjoni li jidher li <u>ġie super imposed biss kienet l-arma u l-firma</u>*

---

[57] Fol.135A

[58] Fol.76. Rapport esibit bħala **Dok.JM** a fol.62-94

[59] Fol.54-55

[60] Fol.56-58

*Joseph Mallia:* ***Ezatt"***[61]

Magħdud dan kollu, l-aħjar prova dwar jekk id-dokument kienx fabbrikat jew le, tasal mix-xiehda elokwenti, mexxejja w viżibbilment veritjiera, ġenwina w konvinċenti ta' **Georgette Borg** li twassal lil Qorti tiddetermina, oltre mill-grad rikjest bil-liġi, li **Dok.X qatt ma nħareġ minn din il-mara.**

**Georgette Borg** spjegat li kienet ilha taħdem il-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija għal ħamsa w għoxrin (25) sena, bl-aħħar erba' snin u nofs fl-irwol ta' Segretarja Eżekuttiva.[62] Tispjega li fit-23 t'April, 2015, intalbet tivverifika jekk *reference letter* sottomessa minn Waste Collection Limited bħala parti minn offerta ta' *tender*, kienitx inħarġet mill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija u jekk din l-ittra ġietx verament iffirmata minnha. Ix-xhud tixhed li kien biss dakinhar li saret taf b'din l-ittra għaliex **qatt ma kellha xi talba sabiex tagħmel jew tiffirma ir-*reference letter*** in kwistjoni. Kompliet li **fl-ebda ħin ma kienet ffirmat jew ħarġet tali *reference letter*** u kienet iddeċidiet li tiddiskutiha fil-laqgħa tal-Kunsill, fejn ġie deċiż li kellha tagħmel rapport l-mal-Pulizija.[63]

B. L-arma tal-Kunsill Lokali

Borg tinnota dettal ieħor li saret riferenza għalih minn Mallia meta xehed dwar ir-riżultanzi forensiċi dwar **Dok.X** hekk kif ikkonstata li anke **l-arma tal-Kunsill ġiet *superimposed***.

Ix-xhud tkompli li l-istruttura tal-*letterhead* li kien dejjem juża l-Kunsill ma kienx jaqbel mal-istruttura tal-*letterhead* użata fir-*reference letter* in kwistjoni, **Dok.X:**[64]

> *"Id-differenza jiġifieri hawnekk ghandna l-logo u l-indirizz taht… kull meta ghamilt ittra gol-kunsill <u>dejjem ghamilt is-subject</u>, fil-każ ta' din l-ittra r-reference letter ta' street sweeping ghamilt 're: street sweeping cleaning services in Hal-Lija' mentri din l-ittra qeghda li ghandkom intom ukoll regard subject Waste Collection Limited. Speci hu kiteb l-isem taghhom bħala kuntratturi. Xi haga ohra dettall zghir, jien dejjem <u>fuq kull ittra naghmel reference number, l-ittra li hargu huma ma hemmx reference number</u> u issa dik il-firma tixbah lil tiegħi. Jien ha nghid hekk, jien bħala segretarja ezekuttiv kont niffirma kollox, niffirma c-cekkijiet, niffirma ittri, jiġifieri* ***tixbah lil tiegħi pero zgur li hu kkupjata ghax jien dik l-ittra ma ghamiltix .... I would have said services regarding garbage collection mhux l-isem tal-kumpanija***[65] ***.....*** *tistghu*

[61] Fol.60
[62] Fol.95
[63] Fol.96
[64] Fol.135A ta' **Dok.MM**
[65] Fol.98

*tmorru titkellmu mal-kunsill u taraw l-ittri, **qatt ma uzajna dak il-logo**. Il-logo dejjem baqa' l-istess u ghadu sal-lum il-mod kif ghamilt jiena hawnhekk"*[66]

Mistoqsija mill-Qorti dwar jekk setgħax xi ħadd stampa **Dok.X** b'dak il-*logo* u għaddiha lix-xhud biex tiffirmaha, hi kategorika w definittiva: ***"No ma jistax ikun għax jien lanqas naf biha, request ma kellix biex issir din l-ittra".***[67]

Ħarsa lejn dokument ieħor maħruġ mill-Kunsill ta' Ħal-Lija bil-firma ta' Borg, fejn m'hemmx kontestazzjoni dwaru hu **Dok.Y.**[68] Dan id-dokument li jikkorrobora w jissostanzja preċiżament dak li tixhed Borg dwar kif kienu jsiru l-*letterheads* mill-Kunsill Lokali. F'dan id-dokument hemm kemm ir-*reference number* u s-suġġett/*subject heading;* żewġ dettalji li huma nieqsa minn fuq **Dok.X**![69]

L-imputat **Marius Muscat** għażel li jieħu l-pedana tax-xiehda, fejn beda sabiex jispjega li il-kumpanija Waste Collection Limited kienet oriġinarjament reġistrata fuqu bħala direttur u *shareholder*[70]. Infetħet fuqu biex jippermetti li jsir *tender*ing peress li dan kien jirrikjedi li l-*bidder* ikollu 5 snin esperjenza iżda ibnu ma kellux dik l-esperjenza.[71] Jammetti li kien hu li l-kumpanija ***"Nirrapprezentaha".***[72] In kontro-eżami jikkonferma li rreġistra din il-kumpanija w baqa' involut fiha għal madwar *"ħames (5) snin, sitta (6)".* Jikkonferma li kien biss fit-30 ta'Ġunju 2015 li ma baqax direttur u segretarju tagħha.[73]

Imbagħad tizloqlu frażi li preċiżament turi kemm għall-kuntrarju ta' dak li jistqarr, u ċioe li hu ma kienx konsapevoli ta' f'hiex kienu jikkonsistu r-responsabiltajiet tiegħu, jiddikjara li ma kienx xi novizz fis-settur tan-negozju: *"Jien kelli esperjenza ta' xogħlijiet jiġifieri ta' ghoxrin sena, mhux hames snin".* It-*tender* daħal għalih hu propju minħabba l-fatt li f'dak iż-żmien ibnu ma kellux il-ħames snin esperjenza biex seta' jitfa l-offerta: *"Ma tistax tidhol ghat-tendering".* Jammetti li responsabiltà għat-*tender*ing kienet tiegħu *"F'isem tar-responsabilita kont jien...jiena għall-kitba tal-karti ...iva [kont responsabbli]"*[74]

Ikkunsidrat,

---

66 Fol.100
67 Fol.102
68 Fol.144 ta' **Dok.MM**
69 Fol.135A ta' **Dok.MM**
70 Fol.351
71 Fol.354
72 Fol.351
73 Fol.352-353
74 Fol.354

Imiss issa li jiġu kunsidrati l-provi li jirriżultaw mill-atti:

1. **Dok.X**[75] hi r-*reference letter* li suppost inħarġet mill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija li ġiet preżentata bħala parti mit-*tender documentation* mill-*bidder* Waste Collection Limited. Tifforma parti minn *Package 03* intestat *Bid for Tender* w hi datata is-26 ta' Marzu 2015.

2. It-*tenders*[76] kellhom jiġu mitfugħa sas-17 t'April 2015[77] w għalhekk it-tfigħ tal-offerta seħħet xi żmien bejn il-ħruġ tat-*tender* fl-10 t'April, 2015[78] u l-għeluq tagħha fis-17 t' April, 2015. Għalhekk iż-żmien tal-kommissjoni tar-reat kif adebitat fl-imputazzjoni hu korrett.

3. L-ispettur Scerri jispjega kif fuq **Dok. X** :

   > *"ġiet riprodotta il-firma ta' Georgette Borg, Karta tal-identità 91057M*[79] *... L istess Georgette ċaħdet telefonikament u qalet lil Marica li hija ma kinitx iffirmat l ebda dokument ta dak it tip. Giet mitkellma ukoll Marica Mifsud li kienet is segretarja tal kunsill lokali ta H' Attard fejn ikkolaborat [recte ikkorroborat] dak kollu li kienet qalet Georgette Borg u setghat tghid li hija meta kienet rat din l ittra li kienet prezentata min Waste Collection Limited lil Kunsil Lokali ta H attard hija mill ewwel qamilha suspett minhabba l fatt li kienet identika kelma b kelma mar reference letter ohra li kien hemm mehmuża fl istess tender u li kienet ħarġet mill kunsill lokali tal Belt Valletta.*[80]

   Hekk hu! **Dok X** jirriproduċi kelma b'kelma tal-ittra maħruġa mill-Kunsill tal-Belt u dan inkluż il-grammatika u *synthax* b'kollox![81]

4. Dan il-fatt dwar l-ittra fabbrikata sar magħruf b'kumbinazzjoni waqt konversazzjoni nformali li seħħet bejn is-segretarji eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali ta' Ħal-Lija, Georgette Borg u dik ta' Attard, Marica Mifsud. Borg ċaħdet li ffirmat din l-ittra tant li kienet tilmenta mis-servizz ta' din il-kumpanija.[82]

   Georgette Borg tiddikjara hekk dwar din ir-*reference letter*:

---

[75] Fol.135A
[76] Fol.179 **ALC02/15**: *Collction of Houehold and commercial waste in an environmentally friendly manner.*
[77] Fol.66, 179
[78] Fol.92, 98
[79] Fol.18
[80] Fol.19.
[81] Fol.135
[82] Fol.19

*"**Qatt ma ġiet mitluba minni** u nista' nahseb ghaliex ha nghid hekk. Is-servizz ma kienx tajjeb"*[83]. Dwar il-firma tgħid *"tixbah lil tieghi pero **zgur li hu kkupjata ghax jien dik l-ittra ma ghamiltix** .... I would have said services regarding garbage collection mhux l-isem tal-kumpanija*[84] ***.....*** *tistghu tmorru titkellmu mal-kunsill u taraw l-ittri, qatt ma uzajna dak il-logo."*[85]

Mistoqsija mill-Qorti fuq jekk setgħetx ġiet stampata l-ittra **Dok.X** b'dak il-*logo* w din ġiet mgħoddija lilha biex tiffirmaha, twieġeb

***"No ma jistax ikun għax jien lanqas naf biha, request ma kelliex biex issir din l-ittra".***[86]

5. Fid-dokumentazzjoni *About Us: The Company* insibu *"**The Company is manged by Mario Muscat share holder and director".***[87] Estratt mehmuż mill-istess imputat mal-offerta tiegħu hu dokument datat it-**3 ta' Marzu, 2015** maħruġ mir-*Registrar of Companies* li fih hemm dikjarat: *"According to our records the present shareholder of the company is: Mario Muscat (Maltese I.D. Card No. 665858M)....**The present director of the company is: Mario Muscat (Maltese I.D. Card No. 665858M)".***

   Bħala dettalji tal-*bidder* hemm Waste Collection Ltd**,** bl-imputat identifikat bħala d-direttur tagħha.[88] Id-dokumentazzjoni kollha li ġiet annessa mal-offerta hemm isem l-imputat flimkien mal-firma tiegħu.[89] L-istess jingħad għal *logbooks* u *insurances* li ġew annessi mal-offerta fejn fuqhom jidher biss ismu.[90] F'**Dok.MM[91]** insibu l-offerta w dokumentazzjoni tal-kumpanija tal-imputat miżgħud b'timbri tal-istess kumpanija **taħt il-firem tal-imputat**.[92]

   Hu propju ismu - li hu ndikat bħala *Company Director* - li jidher fuq l-indiċi intestat *"Works awaded to the Company"* fejn hemm ukoll indikata taqsima ***"Evidence attached: Local Council references and copy of contracts"***[93]***.*** taħt liema taqsima ġiet prezentata l-ittra mill-Kunsill ta' Ħal

[83] Fol.302
[84] Fol.302-303
[85] Fol.305
[86] Fol.307
[87] Fol.159
[88] Fol.163
[89] Fol.84-86, 92-93, 97, 98, 134 u 165
[90] Fol.47, 48, 53, 54, 58, 59
[91] Fol.36 et seq
[92] Fol.84 -86, 92-93, 97, 98, 134 u 165
[93] Fol.134

Lija, **Dok.X.**[94] L-imputat innifsu jammetti li dik it-*tender* ġiet **mitfugħa mill-kumpanija li tagħha kien direttur.**

**6.** Fl-ewwel stqarrija tiegħu, l-imputat jammetti li kien direttur tal-kumpanija li twaqqfet lejn l-aħħar tal-2013 jew bidu tal-2014.[95]Kien biss fit-30 ta' Ġunju 2015 li l-imputat irriżenja minn dawn il-karigi, liema rwoli ttieħdu minn ibnu.[96] Għalhekk **f'April, 2015, meta ntefgħet l-offerta, Marius Muscat kien id-direttur u segretarju tal-kumpanija**. L-imputat iddikjara:

> *"Jiena naf li kienet infethet perjodu qasir fuqi sakemm jirranga hu biex tigi fuqu pero jiena* ***lanqas kont imdahhal assolutament fl-ebda oggett li kien qed jagħmel***[97]*..... Kont naf biha biss imma* ***ma nafx x'inhu jigri*** *u la naf x'inhu jaqla u la naf x'inhu jitlef ma naf xejn, jigifieri bis-sincerita' kollha qed nitkellem* ***lanqas qatt ma kont nersaq l'hemm jien****. .... L-ghajn tal-ligi qeghda* ***registrata fuq ismi, suppost responsabbli.***[98] *... L-iskop li kont involut fil-kumpannija biex nghin lit-tifel biss jien,* ***lanqas kont naf x'jien naghmel, ..... la kont naf x'inhu jghid, la kont naf x'inhu jwaddab, la kont naf x'inhu jigbor, xejn.".***[99]

Fit-tieni stqarrija **jammetti li kien iffirmaha t-*tender*** iżda jikkontendi li ma kienx jaf x'kien qed jiffirma, dikjarazzjoni li ma titwemminx tenut kont li, kif intqal, l-imputat mhux prinċipjant fin-negozju waqt li jistqarr li hu direttur f'kumpaniji oħra. L-imputat ikompli juri li ibnu kien jiġi għandu għall-firem tiegħu dwar dokumenti tal-kumpanija:

> *"Jiena naf li [il-kumpanija] kienet infethet perjodu qasir fuqi sakemm jirranga hu biex tigi fuqu pero jiena lanqas kont imdahhal assolutament fl-ebda oggett li kien qed jagħmel, ...* ***ghax it-tifel tieghi juza ismi***[100]*, ... L-iskop li kont involut fil-kumpannija biex nghin lit-tifel biss jien, lanqas kont naf x'jien naghmel, ... Direttur tal-kelma.* ***Tal-firma.*** *... jien din li nixtieq niccara, jien just iffirmajt ghax it-tifel ghax* ***lanqas kont naf ghaliex qed niffirma.".***[101]

---

[94] Vide **Dok.MM** a fol. 134
[95] Fol.28
[96] Vide xiehda Dr. Claudette Fenech, a fol.309 Form K, **Dok.CF** a fol.313
[97] Fol.254
[98] Fol.255
[99] Fol.257;
[100] Fol.254
[101] Fol.257

Meta jixhed ***viva voce*** jammetti li l-kumpanija ***"Nirrapprezentaha".***[102] Jisħaq li ma kienx involut fit-*tender* għaliex ma kienx għad għandu x'jaqsam mal-operat tal-kumpanija peress li din kien imexxiha ibnu; di fatti jgħid,

> *"kull ma kien hemm ismi"*[103]. ***"F'isem tar-responsabilita kont jien...jiena għall-kitba tal-karti ...iva [kont responsabbli]"***[104]

Din l-ammissjoni tal-imputat tikkozza serjament ma obbligi ta' direttur kif kontemplat bl-artikolu 13 tal-***Att dwar l-Interpretazzjoni,*** Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta:

> Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat:

7. *Multo magis* kien mistenni minnu jeżerċita dik id-diliġenza rikjesta meta kien id-direttur waħdieni fi ħdan il-kumpanija, biex ma jingħad xejn li kien anke s-segretarju tagħha! Assolutament ma jistax jitwemmen l-imputat meta jiġi kkunsidrat li hi l-**firma tiegħu** li tidher fuq id-dokumentazzjoni li akkumpanjat l-offerta mitfugħa minn Waste Collection Ltd.

8. Kien dmir tiegħu li jassigura li dak kollu li kien qed jissottometti kien jissodisfa l-vot tal-Liġi; li dak dikjarat minnu kienet il-verità; li kull dokument ikun ġenwin; li l-offerta tagħti stampa veritjiera u mhux waħda minsuġa minn xi fabbrikazzjoni jew xi gidba.

   Aktar u aktar jekk ix-xogħol biex tiġi kompilata d-dokumentazzjoni sar minn xi impjegat tiegħu, inkluż ibnu stess Adrian Muscat li, kif jirrizulta mid-dokument tal-ETC u preżentat mal-offerta[105] Adrian kien impjegat mal-kumpanija bħala *Full-Time Indefinate* bħala *driver* u *supervisor* sa mill-1 t'April, 2013. Fuq dan l-istess dokument, l-imputat hu imniżżel bħala *Director* fuq bażi *Part-Time* u dan sa mit-2 ta' Diċembru, 2012.[106]

---

[102] Fol.351
[103] Fol.352
[104] Fol.354
[105] Fol.162
[106] Ibid.

9. Ċertament għalhekk l-imputat kellu **dmir** jassigura li l-offerta li kienet qed tiġi preparata - kemm jekk il-kompilazzjoni tagħha saret minnu, sew jekk saret minn xi impjegat tiegħu inkluż ibnu – ġaladarba hu kien id-direttur, kien **fid-dover jassigura li dak li kien qed jiġi preżentat f'isem il-kumpanija kien veritjier u d-dokumenti annessi kienu ġenwini.** Jiġi mfakkar li sabiex *bid* tkun eliġibbli inkluż dak stipulat bl-Artiklu 2.3 tat-*tender document – Administrative Criteria:*

   > *Prospective bidders preferably are expected to have at least 5 years relevant experience. Every bidder is obliged to provide sufficient documentation to sustain the experience claimed and must provide a minimum of one reference letter*[107]*.*

   M'hemmx dubbju li Muscat kien ben konsapevoli tad-dmirijiet u responsabiltajiet tiegħu bħala direttur. Ġaladarba, w kif jammetti l-istess Marius Muscat, konsapevolment naqas milli jaċċerta ruħu minn dak li kien qed jippreżenta f'ismu – Vide Para. 6 *supra* – jfisser li naqas mill-obbligi tiegħu bħala direttur w għalhekk għandu jinstab **ħati vikarjament** għan-nuqqas tiegħu w għan-negliġenza li wera fl-iżvolġiment tad-doveri tiegħu ta' direttur u segretarju ta' Waste Collection Ltd.

10. M'hemmx dubbju li l-imputat mhux xi novizz fin-negozju w kien jaf sew x'kien jirrikjedi li tidħol *bidder* għal *tenders*: *"Jien kelli esperjenza ta' xogħlijiet jiġifieri ta' ghoxrin sena, mhux hames snin"*. Muscat spjega li t-*tender* daħal għalih hu għaliex sa dak iż-żmien ibnu ma setgħax jidħol ghat-*tender* f'ismu *"Ma tistax tidhol ghat-tendering"* u jikkonferma li responsabiltà ghat-*tender*ing kienet tiegħu:

    > ***"F'isem tar-responsabiltà kont jien...jiena għall-kitba tal-karti ...iva [kont responsabbli]".***[108]

11. M'hemmx dubbju li l-imputat kellu involviment akbar milli jrid jammetti. Kien hu sid il-kumpanija li tefgħet it-*tender* u kien hu li ffirma l-offerta w d-dokumentazzjoni annessa. Infatti il-firem tiegħu jinvadu d-dokumentazzjoni li tifforma it-*tender package* kollu.[109]

    Punt ieħor li jiġi mfakkar hu li l-imputat jokkupa l-karigi ta' direttur u *manager* tal-Kooperattiva tat-Trasport Persuni b'Diżabilità u direttur ta Sanitech.[110] Għalhekk m'hemmx dubbju li kien konxju mill-obbligi

---

[107] Emfasi tal-Qorti, fol.19
[108] Fol.354
[109] Fol.84 -86, 92-93, 97, 98, 134 u 165
[110] Fol.27

imposti fuqu *qua* direttur meta qed jitfa' l-offerta għall-*tender*. Dan kien jirrikjedi li jaċċerta ruħu mill-veraċità ta' dak dikjarat minnu kif ukoll dak kollu li kien qed jippreżenta bħala dokumentazzjoni.

12. Ma jridx jintesa li *reference letter* ma taqax mis-sema iżda tiġi mitluba propju minn min jinħtieġ jagħmel użu minnha. F'dan il-każ kienet il-kumpanija tiegħu li talbet il-ħruġ tar-*reference letters* u dan sabiex il-kumpanija setgħet tidħol għat-*tender*. Kellu obbligu bħala direttur risponsabbli għall-kumpanija jaċċerta ruħu mill-veraċità w mill-ġenwinità ta' dak li kien qed jiddikjara w jippreżenta bħala prova tax-xogħlijiet inkluż l-awtentiċita tal-*letters of reference*, inkluż dik tal-Kunsill ta' Ħal-Lija. Kif intqal, din mhix kwistjoni ta' xi firma waħdanija jew tnejn, iżda l-firem tiegħu huma numerużi fid-dokumentazzjoni tal-offerta minnu preżentata.[111]

Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, *dato ma non concesso* li Mario ma kienx jaf li dan id-dokument kien falz, allura ċertament **naqas mill-obbligi tiegħu kif kontemplati bl-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni** ġa ċitat.

13. L-allegazzjoni tal-abbli difiża li **Dok.X** ġie inserit b'malizzja biex jelimina l-offerta ta' Waste Collection Limited, ma ssibx komfort f'xi prova. Donnu nesa l-imputat li kien hu li ssottometta id-dokumentazzjoni, u li dawn kienu mitfugħa f'kaxxa tal-offerti wara kull package kien sarlu spiral binding. Sussegwentement infetħu fill-**pubbliku.**

Di fatti **Dok.X** tinsab f'dik is-sezzjoni ta' *Package 3* intestata ***"Evidence attached: Local Council references and copy of contracts".***[112] Iktar ta' rilevanza hu li fuq din l-istess paġna li sservi ta indiċi, hemm il-firma tiegħu. Ma nġabet l-ebda prova li tibda biex tipprova li xi ħadd irnexxielu joħroġ l-offerta mill-kaxxa, jneħħi l-*spiral binding*, jinserixxi **Dok.X**, jerġa jgħaqqad id-dokument u bil-moħbi ta' kulħadd jerġa jitfgħu fil-kaxxa tal-offerti li tinżamm fil-Kunsill Lokali. Kwalunkwe tentattiv intiż li implika lil Borg u Mifsud f'att ta' korruzzjoni simili jirriżenta l-**kalunja**.

14. Tant ma jagħmilx sens dak li jipprova jiġi allegat mill-imputat, li meta jiġu eżaminati l-*perforations* tal-*spiral binding* tal-*packages* preżentati mal-offerta tal-imputat, il-*perforations* fuq l-*spinal column* li minnhom tgħaddi l-*coil* jaqblu b'perfezzjoni ma dawk fuq il-kumpliment tad-dokumenti f' *Package 3*.

[111] Fol. 84-86, 92-93, 97, 98, 134 u 165
[112] Fol.134

15. Hawn għandha terġa issir riferenza għaċ-ċaħda inekwivoka ta' Georgette Borg li setgħet ffirmat tali dokument**.** Għall-kuntrarju Borg tiddikjara li qatt ma ġara hekk propju għaliex dik l-ittra hi **qatt ma ħarġitha w ħadd qatt ma talabha toħroġha.**

16. Dan ikompli jsaħħaħ ir-riżultanzi tal-espert Joseph Mallia li sab li meta eżamina **Dok.X**[113] ikkonkluda:

> *"**l-firma li taqra "Georgette Borg"** li tinsab miktuba fil-parti t'isfel xellug tad-dokument X, **hija kopja u ma hiex firma oriġinali**.".*[114]

17. Gambetta oħra li jieħu l-imputat fl-isforzi tiegħu biex ibiegħed il-kumpanija minn **Dok.X** hi meta fil-bidu ta' dawn il-proċeduri isir verbal, fl-20 ta' Jannar, 2021, fejn ġie dikjarat li **Dok.X**, *"kien inghata lil Adrian Muscat f'**għaxar** kopji".*[115]

    Madankollu tul il-proċeduri la jsir magħruf fejn marru dawn il-kopji w wisq anqas baqgħet ma inġabet lanqas kopja waħda li hi waħda minnhom. *Multo magis* ma nġieb l-ebda xhud bl-iskop li jikkorrobora dan il-fatt!

18. Għall-kuntrarju l-Qorti hi rinfaċċjata bit-testimonjanza ta' Borg fejn b'determinazzjoni w b'ċertezza tul id-depożizzjoni kollha tagħha tisħaq li hi **ma ħarġet ebda ittra** simili w għaldaqstant **tikkontradixxi** din id-dikjarazzjoni magħmulha mid-difiża b'mod assolut!

19. Fattur ieħor li jkompli jimmina t-teżi ventilata mill-abbli difiża tal-*foul play* – li tibqa mhux korroborata jew sostanzjata lanqas remotament –hu l-fatt li kien biss sforz ta' **inċident fortwit** li sar magħruf li **Dok.X**[116] kien ġie fabbrikat. Ħadd ma setgħa jipprevedi li kellha tkun konversazzjoni inokwa u b'kumbinazzjoni li wasslet sabiex inkixef l-ingann ta' **Dok. X.**

    **Il-Qorti tqis ix-xiehda ta' Borg u Mifsud bħala li għandhom mis-sewwa, huma veritjiera għal kollox u jgawdu minn kredibbilita sħiħa.**

[113] Fol.135A
[114] **Dok.JM** a fol. 267-299
[115] Fol.12
[116] Fol.135A

Għalhekk il-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddubita li kien verament b'kumbinazzjoni li Dok.X ġie għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard u b'konsegwenza ġew istitwiti dawn il-proċeduri. Kellha tkun konversazzjoni informali w spontanja bejn żewġ segretarji waqt laqgħa mhux pjanata waqt li kienu ser jagħmlu eżami, li wasslet sabiex inkixef il-qerq pperpetrat permezz ta' **Dok.X.**

Iżda l-aqwa prova li tiffrantuma t-teżi difensjonali tal-imputat hi l-*covering letter*/indiċi li tagħmel riferenza għal ***"Evidence attached: Local Council references and copy of contracts"***[117] iffirmata mill-imputat Marius Muscat għal Waste Collection Ltd. fejn waħda minn dawn il-Local Council references tinkludi **Dok.X**!![118]

20. Irid jiġi rilevat li l-każ tad-difiża ma jiġix pruvat b'verbali jew b'allegazzjonijiet u tfigħ ta' suspetti u teżijiet ipotetiċi. Fil-każ in deżamina d-difiża naqset milli tressaq xi prova mqar sal-grad tal-possibbli biex ixxejjen il-każ tal-prosekuzzjoni. *Multo magis* ma nġabet l-ebda prova li twassal lid-difiża tipprova l-każ tagħha sal-grad tal3-probabli.

    Ma tinġieb l-ebda evidenza dwar kif seta' jkun hemm *foul play* meta, kif tixhed Mifsud, l-offerti ntefgħu f'kaxxa li tibqa l-kunsill lokali fejn infetħu biex jiġu proċessati mill-evalwaturi f'ġurnata w ħin stabbilit li fiħ jattendi l-pubbliku.[119]

    Lanqas joffru xi farka ta' prova li Borg jew Mifsud għal xejn b'xejn kellhom jagħmlu ħsara lill-kumpanija in kwistjoni biex ittelfuha t-*tender.* Jagħmlu att tant malinn u vendikattiv ta' *frame-up* li indubbjament, kieku inkixef – kif wara kollox hekk gara għax id-dnub ma jorqodx - setgħu jitilfu r-reputazzjoni li kienu bnew tul is-snin twal ta' ħidma mal-kunsilli rispettivi!

21. Għandu jitfakkar li fil-kamp penali, allegazzjonijiet iridu jiġu ppruvati, fil-każ tal-imputat sal-grad tal-probabbli. Fejn ikun hemm dan in-nuqqas, tali nuqqas ma jista' qatt jiġi sostitwit bl-impressjoni li persuna jista' jkollha jew bil-fidi. Kif dikjarat mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

[117] Vide **Dok.MM** a fol. 134
[118] Fol.135A
[119] Fol.33

> Ma huwiex il-każ, illi fejn ikun hemm nuqqas dak in-nuqqas ikun sostitwit bl-impressjoni, jew il-fidi. Huwa fir-reliġjon biss li jingħad "praestet fides supplementum senssum defectui", iżda mhux fl-awla tal-provi u del resto fi proċeduri penali.[120]

Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali, l-Qorti m'għandhiex dubbju li l-imputat, fil-kapaċità tiegħu ta' direttur tal-Kumpanija Waste Collection Ltd., uża **Dok.X** meta ppermetta li dan jiġi nkluż fid-dokumentazzjoni li ġiet kompilata biex tifforma parti mill-offerta mitfugħa mill-istess kumpanija. kumpanija tiegħu.

Bħala direttur żgur kien jaf li *reference letter* trid tintalab minn min qed jiġi rakkomandat. Għalhekk kellu responsabbiltà jaċċerta ruħu li dak li kien qed jippreżenta taħt il-firma tiegħu kien ġenwin u veritjiera.

Ikkunsidrat ukoll,

**L-ewwel Imputazzjoni**

Jingħad mill-ewwel li din l-imputazzjoni hi waħda b'lokuzzjoni ibrida fejn għal xi raġuni l-prosekuzzjoni nisslet reat ġdid meta għaqdet it-tentattiv ta' frodi esklussivament mar-reat ta' falsifikazzjoni.

B'din l-imputazzjoni qed jiġi prospettat li kienet esklussivament il-falsifikazzjoni nnifisha li serviet bħala mezz ai fini għar-reat ta' frodi, mingħajr ma ttieħed in konsiderazzjoni li l-mezz kien l-użu tad-dokument falsifikat.

F'dan il-każ hemm mankanza assoluta ta' provi li jwasslu lill-qorti tiddetermina li kien l-imputat li għamel din il-falsifikazzjoni. Ġaladarba ma ġiex pruvat sal-grad rikjest li l-imputat għamel il-falsifikazzjoni, l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

F'dawn l-atti l-imputat wera kjarament li kien jaf li bħala direttur ir-responsabbiltà tal-kumpanija kienet kollha kemm hi fuqu. M'hemmx dubbju fuq dan. L-istqarrijiet w ix-xhieda tiegħu jikkostitwixxu prova ċerta w assoluta ta' dan*:*

> *"Pros: Min kellu responsabilita jittenderja?*

[120] Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima, **Il-Pulizija vs Dustin Bugeja**, Deċiża 25 ta' Frar, 2016

*Ix-xhud: F'isem tar-**resposnabilita kont jien**"*[121]

Bħala direttur waħdieni kellu <u>obbligu akbar</u> sabiex jara li *day to day operations* tal-kumpanija kienu msejsa fuq leġittimita`. *Meta* kien qed jippresta l-firma tiegħu għall-atti relatati man-negozju tal-kumpanija tiegħu, kellu l-obbligu jassigura li tiġi eżerċitata d-diliġenza dovuta. Kemm il-darba jammetti li <u>kien jiffirma hu għal meta kien jiġi mitlub jagħmel dan mingħajr ma jeżerċita xi kontroll jew superviżjoni.</u>[122]

Ma hemm ebda lok għal xi skużant fl-għemil tiegħu. Konsapevolment naqas milli jagħmel dmiru ta' direttur. Ġie jaqa w iqum minn dak li teżiġi l-liġi mid-diretturi ta' korp magħqud. Lanqas ried ikun jaf x'qed jagħmel taħt imnieħru l-istess ibnu li rriżulta kien ukoll <u>impjegat</u> tiegħu. **L-ebda sid ma hu eżonerat mill-obbligi li jissorvelja w jittutela x-xogħol tal-impjegati tiegħu,** fejn għal għemilhom jibqa' risponsabbli hu. Il-Liġi <u>ma tipproteġix lil min hu negliġenti</u> fil-ġestjoni w amministrazzjoni ta' korp magħqud li fih għandu involviment primarju bħal ma hu msemmi fl-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni.

Mill-provi prodotti ġie pruvat li l-imputat, fil-kapaċità tiegħu ta' direttur ta' Waste Collection Ltd., għamel użu ta' document falz.

Din il-ħtija temana mill-applikazzjoni għall-fatti in deżamina tal-imsemmi Artikolu 13 kif spjegat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-proċeduri **Il-Pulizija vs Daniela Debattista**:[123]

> Illi l-Ewwel Qorti fid-decizjoni tagħha ghamlet eżami ta' dak dispost fl-artikolu 13 ta'l-Att dwar l-Interpretazzjoni sabiex imbaghad ghaddiet biex stabbilit ir-responsabbilta vikarja ta'l-appellanti u dan fil-vesti tagħha ta' direttur tas-soċjetà` JG Rentals. Issa l-appellanti targumenta illi dan id-dispost tal-ligi ma isibx applikazzjoni għal każ in dizamina. ........
>
> Maghdud dan allura xejn ma kien josta lill-Ewwel Qorti illi tapplika d-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 13 ta'l-Att dwar l-Interpretazzjoni sabiex issib htija fl-appellanti billi ma jidhirx illi giet imsejjha biex tapplika xi responsabbilita penali fil-konfront tal-korp maghqud. Il-Qorti ma tistax taqbel ma'l-appellanti illi l-artikolu 13 tal-Kap.249 ma isibx applikazzjoni għal każ in dizamina u dan ghaliex l-istess disposizzjoni tal-ligi hija cara fid-dicitura tagħha u tapplika għal kull reat minghajr ebda distinzjoni, u mhux kif donnha qed tikkontendi l-appellanti.

Ir-responsabiltà vikarja ta', *inter alia,* direttur u l-konsegwenzi f'każ ta' sejbien ta' ħtija ġew trattati mill-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Bezzina et:**[124]

[121] Fol.354
[122] Fol.15
[123] Appell Nru: 498/2015 per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima; Deċiża 16.11.2016
[124] Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, 19.11.2015, Appell Krim Nru.463/2012

Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

> **"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."**

Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta` kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili. Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-appellati jigu iccitat fil-vesti ta' direttur jew in rapprezentanza ta' xi socjeta' kummercjali. Bizzejjed li jiġi citat b' mod car għal dak li jirrigwarda l-konnotati taghhom personali w <u>li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigu mharrka jew akkuzati minnhabba r-responsabbilta' vikarja taghhom bħala ufficjali/diretturi tal-korp</u>. Dak li irid jirrizulta mill-provi, iżda hu li fil-fatt huma kienu id-diretturi, jew ufficjali tal-korp bhal ma hija socjeta' kummercjali li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat u li huma allura qed jigu akkuzati għal din ir-raguni

Kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano) fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici** [26.5.1995]:-

"*Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' każ ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu.*"

<u>**Izda**</u>:

"*….meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment, <u>**fl-imputazzjoni jew fl-akkuza**</u> — mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza—<u>**għandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jiġi imsejjah biex iwiegeb għal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' għandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jiġi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tiegħu**</u>. Jekk mhux għal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tiegħu.*[125]"

Indubbjament għalhekk fil-każ in deżamina hu applikabbli l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-konsegwenzi kollha li dan l-artikolu jimporta; kompriża l-inverżjoni tal-oneru tal-prova, u cioe` li, una volta jiġi stabbilit li l-inċident ikun gara tort tal-korp jew għaqda ta' persuni, ikun jinkombi fuq l-imputat li jipprova li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tiegħu w li hu kien **eżerċita d-diliġenza kollha xierqa biex jevita l-egħmil** tar-reat. Dan apparti kull negliġenza, nuqqas ta' ħila fl-arti jew is-sengħa tiegħu, jew naqqas ta' tħaris tar-regolamenti minn naħa tiegħu personalment, li jistgħu talvolta jirriżultaw.

---

[125] Appell Inferjuri: **Il-Pulizija vs Patrick Vella;** Deċiża 31/08/2006

L-għemil menefregist u negliġenti tal-imputat, in kwantu għall-ġestjoni w l-amministrazzjoni tal-kumpanija li kienet responsabbiltà esklussiva tiegħu, hu manifest u ġie pruvat b'ċertezza propju mid-dikjarazzjonijiet li għamel l-istess imputat, fejn kien ikun aħjar kieku eżerċita d-dritt tas-silenzju għaliex bl-istqarrijiet u depożizzjoni tiegħu wasal sabiex inkrimina lilu nnifsu kif ġej-

L-imputat għamel is-segwiti dikjarazzjonijiet li jwasslu lil din il-Qorti issibu vikarjament responsabbli fil-kapaċità tiegħu ta' direttur ta' Waste Collection Limited:

(a) *"Jiena naf li kienet infethet perjodu qasir fuqi sakemm jirranga hu biex tigi fuqu pero* ***jiena lanqas kont imdahhal assolutament fl-ebda oggett*** *li kien qed jagħmel*[126]*..... L-iskop li kont involut fil-kumpannija biex nghin lit-tifel biss jien, lanqas kont naf x'jien naghmel, .....* ***la kont naf x'inhu jghid, la kont naf x'inhu jwaddab, la kont naf x'inhu jigbor, xejn.***".[127]

(b) *jiena* ***lanqas kont imdahhal assolutament fl-ebda oggett li kien qed jagħmel,*** *ghax jien just ghax it-tifel tieghi, ghax jien just ghax it-tifel tieghi juza ismi,*[128]*...*

(c) *Kont naf biha biss imma* ***ma nafx x'inhu jigri*** *u la naf x'inhu jaqla u la naf x'inhu jitlef ma naf xejn, jigifieri bis-sincerita' kollha qed* ***nitkellem lanqas qatt ma kont nersaq l'hemm jien. Jien ghandi x-xoghol tieghi u mhabbat bizzejjed.***[129]

(d) *L-ghajn tal-ligi qeghda registrata fuq ismi, suppost responsabbli.*[130]

(e) *L-iskop li kont involut fil-kumpannija biex nghin lit-tifel biss jien****, lanqas kont naf x'jien naghmel****,...... jien just iffirmajt ghax it-tifel ghax lanqas kont naf ghaliex qed niffirma* [131]

(f) *"Difiża: Kont tkun l-uffiċċju tal-kumpanija?*
*Ix-xhud: Waħdiet, imma biex nieħu l-kafé*[132]*......Jien proprjament eżatt lanqas nista' ngħidlek għax* ***jien qatt ma kont qisni responsabbli minnha,*** *għax dan missier qed jimxi mal-iben, jiġifieri jien kont il-kap tat-tifel"* [133]

Fid-dawl ta' dak suespost il-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova t-tieni imputazzjoni adebitata lill-imputat. Muscat naqas milli jressaq l-iċken prova li

[126] Fol.254
[127] Fol.257
[128] Fol.254
[129] Fol.255
[130] Ibid.
[131] Fol.257
[132] Fol.352
[133] Fol.353

r-reat sar mingħajr it-tagħrif tiegħu jew li **eżerċita id-diliġenza kollha xierqa biex jevita l-egħmil tar-reat.** Anzi mix-xiehda tiegħu wera biċ-ċar li konsapevolment u konxjentement unilateralment **abdika mir-responsabiltajiet li l-liġi għabbitu bihom.**

Konsegwentement qed tinstab ħtija fl-imputat, limitatament fil-kapaċità tiegħu ta' direttur ta' Waste Collection Ltd. għar-reat kontemplat bl-artikolu 184 tal-Kodiċi Kriminali.

**<u>It-Tielet Imputazzjoni: Reċidiva</u>**

Din l-imputazzjoni baqgħet ma ġietx pruvata w għalhekk l-imputat qed jiġi liberat minnha.

**PIENA**

Il-piena għar-reat kontemplat bl-artikolu 184 hi dik ta' bejn tlettax il-xahar w erba' snin priġunerija. In konsiderazzjoni tal-piena il-Qorti qieset in-natura tar-reat li qed tinstab ħtija dwaru, il-fatt li l-imputat mhux xi *first time offender* kif tixhed il-fedina penali mżewwqa tiegħu w taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Konsiderazzjoni oħra hi li l-għemil tal-imputat kien xprunat minn prospetti ta' lukru fejn l-ammont tat-*tender* kien dak ta' €335,296 fuq medda ta' erba snin jew aħjar €83,824 fis-sena.[134]

Il-Qorti ma tistax ma tieħux nota ta dak li jixhed Jonathan Ferris in kwantu għall-fatt li għalkemm l-imputazzjonijiet jirrisalu għal 2015, l-imputati tressqu quddiem il-Qorti xejn anqas minn ħames snin wara. Ferris xehed kif temm l-investigazzjoni tiegħu qabel Ottubru 2016: *"dan il-file kont ghaddejtu wkoll lis-Supretendent Ian Abdilla, jigifieri jekk issaqsu ghalfejn id-dewmien..."*. Dan it-trapass ta' żmien li fil-kamp penali qatt ma jista' jiġi ġustifikat, għandu jiġi rifless fil-piena erogabbli. Fiċ-ċirkostanzi piena karċerarja ma tkunx waħda idoneja.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 184 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni u dan limitatament fil-kapaċità tiegħu ta' <u>direttur</u> ta' Waste Collection Limited (C58428), tilliberah mill-imputazzjonijiet l-oħra kollha, u tikkundannah għall-**sittax (16) il-xahar**

[134] Fol.30-31 u fol. 85-86

**priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal tmintax il-xahar (18) mil-lum.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda tordna lill-imputat iħallas l-ammont ta' **€299.10c** rappreżentanti nofs l-ispejjeż peritali.

Finalment tordna li kemm il-darba dawn il-proċeduri ikunu *res judicata*, **Dok.MM** jiġi ritornat lil Kunsill Lokali ta' Ħ' Attard.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**